Minuti tas-seduta numru tlettax (13) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li kienet miżmuma nhar it-Tlieta, 7 ta' April, 2020. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv kienu fl-uffiċċju tal-Kunsill wieħed f'kull kamra u l-parteċipanti l-oħra kienu d-dar fuq Messanger ta' Facebook minħabba l-imxija tal-Covid 19.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**13.01 Talba**

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

**13.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm.

**13.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

Il-minuti kienu approvati b'vot unanimu wara li sarulhom il-korrezzjonijiet kollha li qablu dwarhom il-kunsillieri.

**Punti mill-Minuti**

13.03.01 Issemmiet il-problema li kien qed ikun hemm fi Triq Santa Marija fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-Mużew.

13.03.02 Grace Marie Zerafa qalet illi*Coffee Morning* mhux se jsir minħabba l-imxija tal-Covid-19.

13.03.03 Dwar il-proposta biex titpoġġa sleeping policeman fi Triq Ħal Kirkop kif imsemmi fis-seduta preċedenti, se ssir it-talba ħalli din titpoġġa quddiem is-Sra Remenda Barbara u kien deċiż li ssir applikazzjoni għal talba oħra lejn il-ġnien.

13.04 **Covid 19**

**13.04.01 Qtugħ ta' faċilitajiet tal-Wi-Fi minn postijiet pubbliċi**

Il-komunikat li kien hemm bejn il-kunsillieri fuq proposta tal-*Malta Communications Authority* dwar il-Wi-Fi fi spazji pubbliċi kien revedut u dan se jinqata' biex jiskoraġġixxi n-nies li joħorġu barra fil-ġonna u kulħadd jobdi d-direttivi maħruġa mis-Supritendent tas-Saħħa.

Fuq l-istess linja ta' ħsieb il-KLM se jimpedixxi fiżikament lil min ikun irid ipoġġi fuq il-bankijiet li jinsabu fi mkejjen pubbliċi. Kien hemm qbil li d-DSE javża lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jissiġillaw kull bank li għandna fir-raħa bil-plastik.

**13.04.02 Leave ta' Kwarantina - *Community Works Scheme***
Dwar l-applikazzjoni tal-kwarantina marbuta mal-imxija tal-Covid-19 ta' Josef Farrugia kienet milqugħa mill-kumpanija li tmexxi l-iskema tal-*Community Works Scheme.*

**13.04.03 Teleworking tal-impjegati**
Id-DSE qal illi rċieva applikazzjoni tat-Teleworking mingħand il-clerk Marouska Zahra filwaqt illi Ms Valerie Galea ma mlitiex peress li kienet deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi hu kien tkellem f'Marzu mal-kunsillieri u ftehmu illi kemm Marouska Zahra kif ukoll Valerie Galea jaħdmu darba iva u darba le. Meta ma jkunux fl-uffiċċju

dawn se jirrispondu l-e-mails u xogħol ieħor li jista jsir minn darhom peress li ma teżistix infrastruttura ta' *remote working u telephone diversions*. Għaldaqstant dan il-ftehim ta' Teleworking kien maqbul li jsir b'dan il-mod mill-Kunsill kollu.

Id-DSE qal illi minħabba l-imxija tal-Covid 19, hemm problema sabiex ikunu depożitati l-*cash* tal-kunsill fil-BOV. Infatti il-BOV mhux qed jilqa' l-*coins* u jistgħu jitpoġġew biss il-*bank notes* fl-envelops tan-*Night Safe. Grace Marie Zerafa qalet illi r-residenti għandhom jibqgħu jieħdu l-istess servizz għax il-problema hija waħda interna. Hija talbet lid-DSE sabiex jikteb lill-AKL sabiex jara jekk hemmx xi direttiva min-naħa tagħhom peress li din mhux problema tal-Kunsill Lokali tagħna biss.*

**13.04.04 Għeluq mil-ġdid tal-latrina pubblika**
Dwar il-latrina pubblika, din issa ingħalqet għall-pubbliku u fil-frattemp infetaħ is-sifun li kien ingħalaq għax intradam waqt ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Intant kien irranġat is-sadd tal-latrina pubblika billi is-Sur Ċikku Callus qala' parti mir-rampa l-ġdida tal-latrina taħt l-ewwel tieqa u fetaħ il-kaxxa tas-sifun li sabha kollha materjal tal-kostruzzjoni u mgħottija bil-madum. Dwar dan is-suġġeriment id-DSE kien ilu jipproponi dawn ix-xogħlijiet madwar sena.

Intqal qabel saru dawn ix-xogħlijiet illi wara li kienu ingħataw iċ-ċwievet lil Grace Barbara, wara li twaqqaf il-kuntratt mal-G3B din kellha terġa' tingħalaq għaliex reġgħet faret bid-drenaġġ. Se naraw x'kontijiet se tippreżenta dwar dan il-ftuħ qasir tal-latrina minn peress li ma kienx hemm ftehim dwar kemm se jiċċarġjaw. Se naraw x'kienet laħqet fetħet fix-xahar ta' Marzu u nħallsuha pro-rata.

Kien deċiż li terġa' toħroġ l-offerta pubblika taż-żamma tal-latrina pubblika mhux bl-attendant, kif kienet oriġinalment. Is-Sindku qal li għalissa tinżamm on hold u noħorġu t-tender wara li tgħaddi l-imxija tal-Covid 19. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

13.05 **Rapport Annwali Amministrattiv 2019**

Kien ippreżentat u mressaq ir-Rapport Amministrattiv 2019 għall-vot wara li kien propost mis-Sindku Omar Farrugia u ssekondat mill-Viċi Sindku, Grace Marie Zerafa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u għaldaqstant se jkun ippubblikat fil-*Web-Site* uffiċjali.

13.06 **Ħatra tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ**

Għall-proposta tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, Nathan Aquilina se jkellem lil xi żgħażagħ ħalli jħajjarhom jagħtu sehemhom. Se jkellem lil Kimberly Borg u lill-Alison Mifsud u sabiex jissuġġerixxu ismijiet biex jagħmlu parti mill-Kunsill taż-żgħażagħ.

Intant is-Sindku qal illi s'issa irċevejna applikazzjoni waħda għall-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u qed nistennewhom jidħlu aktar sa nhar it-13 ta' April 2020. Kif ikollna l-ismijiet kollha, dawn se jkunu pproponuti u approvati fil-laqgħa tal-Kunsill.

13.07 **Il-proġett *Green Infrastructure* – Gal Xlokk (By-pass)**

Il-Kunsill għandu f'idejh il-kwotazzjoni ta' ta' Eur79,689.81 mingħandCallus Garden Centre liema stima se tgħaddi għand il-perit biex ikun jista' jiċċertifika *u imbgħad wara tgħaddi għand l-istess ministeru sabiex ikun jista' jingħata l-permess tad-direct order..*

13.08 **L-Offerta Pubblika tal-Ġonna u l-evalwazzjoni tal-Offerti tal-Perit u tal-Contract Manager**

Il-Kunsill laqa' r-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni u l-Offerta Pubblika għall-servizzi tal-Perit se tkun mogħtija lil Perit William Lewis u dik tal-*Contract Manager* lis-Sur John Galea.

13.09 **Reżoluzzjoni biex l-*internet banking secure key* minn *read only* ssir *standard* u jkun jistgħu isiru l-pagamenti minnha.**

Id-DSE semma' l-komunikazzjoni li kien hemm bejn Valerie Galea abbażi ta' dak li qalulha mill-BOV u l-KLM dwar il-pagi biex ikunu depożitati fil-kontijiet tal-bank tal-impjegati permezz tal-internat banking 24 x 7. Għaldaqstant il-KLM qabel unanimament mal-proposta sabiex l-*bank key* ma tibqax *read only* u jkun hemm il-possibilita' li biha jsir trasferiment mill-kont tal-kunsill għal fuq il-kont tal-impjegati. Għaldaqstant is-Sindku se japplika sabiex ikun administrator tal-key filwaqt illi d-DSE jkun bħala additional user. Dan ifisser illi l-flus jinħarġu mill-kont tal-Kunsill meta japprovahom is-Sindku wara li jkun ippreparahom id-DSE. Il-Kunsill qabel unanimament li jassorbi l-*bank charges* kollha li jista' jkun hemm.

**Punti Oħra**

13.10.1 Omar Farrugia ta *update* fuq ix-xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja. Hu qal illi kif tkellem ma' Jonathan Dingli u Owen Sciberrasmatul din il-ġimgħa, x-xogħol fid-diżinn tat-tqegħid tal-pavimentar quddiem id-daħla prinċipali taz-zuntier ma kienx qed jogħġbu u tkellem ukoll mal-*Permanent Secretary*, u l-Perit dwar dan. Infatti xi madum kellu jerġa' jinqala', se jinqala wkoll dak ta' quddiem iz-zuntier biex jiġi b'mod aħjar. Owen Sciberras u Jonathan Dingli kienu nvoluti direttament f'dan kollu u s-Sindku qal illi se tkun organizzata laqgħa għada l-Erbgħa, 8 t'April fis-2.00pm għaliex kien hemm suġġeriment minn Owen Sciberras illi mid-daħla tal-Knisja lejn ir-Remissa ssir qawra kwadra (bejn it-triq tan-nofs lejn il-Knisja lejn ir-Remissa Bar) u din tiġi b'kulur bajdani għax intqal illi jiġi joħroġ aħjar id-diżinn. Is-Sindku qal li ser tiġi diskussa għada mal-Periti u n-nies kollha konċernati f'dan il-proġett. Omar Farrugia qal illi kellmuh il--Kumitat tas-Soċjeta' ta' Santa Marija għaliex fit-triq tan-nofs, fejn fil-festa s-soltu jintrama' anġlu u fil-post eżatt ser issir feeder pillar, biex ikun jista' jitniżżlu l-wires tal-elettriku taħt l-art. Intant Omar Farrugia qal illi nhar id-9 ta' April se jingħata l-konkos quddiem ir-Remissa Bar kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq id-Duluri. Dan sabiex is-sodda tkun lesta biex din il-parti tiċċanga ruħa bil-lava. Żied jgħid ukoll illi issa wasal iż-żmien li tingħalaq il-Pjazza tal-Knisja u se ssir *diversion* lejn Triq San Innoċenzju għall-vetturi li jkunu jridu jinżlu minn Triq Santa Katerina u oħra għal dawk li jkunu telgħin minn Triq Karmenu Ciantar biex il-vetturi jmorru lejn Misraħ il-Fidwa..

13.10.2 Is-Sindku qal illi kien hemm ftit tal-problema bir-relokazzjoni tal-arblu l-kbir li jintrama' fil-festa ta' Santa Marija għaliex jekk jitla' aktar 'il fuq fi Triq Karmenu Ciantar il-bandiera tibda' taħbat mal-bjut tar-residenti. Intqal illi jekk dan jiġi biex jintrama' man-naħa tal-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija se jkun hemm problema ta' safety fuq ċertifikazzjoni tal-perit.,. Hemm diskussjoni kontinwa dwar dan sabiex tinstab soluzzjoni.

13.10.3 Id-diskussjoni ssuktat fuq is-*Service Pillars* tal-elettriku fil-*by-pass*. Intqal illi kien hemm diskussjonijiet ma' ċertu Edward Grech u l-Perit u kellu jagħtina stima. Intqal illi l-ispejjeż tal-*wiring* biss kienet ġejja tiswa madwar Eur12,000 (il-KLM ma rċeviex din uffiċjalment) filwaqt li intqal illi minn fejn irridu nieħdu l-elettriku xorta se tkun problema għalkemm kienet ikkunsidrata trinka fil-ħamrija tas-*Central Strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Kien maqbul illi għandna nistennew it-tieni *quotation* u naraw kemm se tkun orħos minn dik ta' qabilha. Kien hemm qbil ukoll li dawn se jkollhom jistennew biex isiru peress li jiswew ammont konsiderevoli u Infrastruttura Malta mhux se tkun qed tidħol għal dan il-piż finanzjarju addizzjonali.

13.10.4 Omar Farrugia rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mad-DSE nhar il-Ġimgħa 3 ta' April mal-Inġinier Mario Schembri u Denise Brincat ta' Greenpak Co-op. Hu qal illi minkejja li fil-bidu

kien hemm xi *misunderstanding* dwar il-boroż tal-iskart, dawn se jitqassmu bħas-soltu skont l-iskeda hekk kif tgħaddi l-imxija tal-*Corona Virus* u se jibqgħu ikunu pprovduti minn Greenpak. Dwar il-kontenituri tal-*bring-in-site* fi Triq Valletta, Greenpak qalbu kollox għall-*i-bins* u għaldaqstant irridu insibu post ieħor ċentrali biex jakkomodaw l-*i-bins* li huma sostanzjalment ikbar fid-daqs. Grace Marie Zerafa qalet illi Greenpak kienu ħadu l-kuntratt bil-premessa li dak li għandna jibqa' għandna u fl-ebda' ħin ma qalu li mhux se jkollhom bins żgħar. Għaldaqstant għandna naraw jekk jaqduniex Green Mt. Semmiet ukoll anke l-fatt illi l-i-bins għandhom toqba żgħira minn fejn tarmi u allura ċertu fliexken ma jidħlux. Omar Farrugia qal illi xorta waħda se niltaqgħu ma' Daniel Tabone biex nippruvaw insibu soluzzjoni. Fl-istess laqgħa kienu diskussi l-ibins ta' Triq Ħal Kirkop illi se naraw li jsiru l-arranġamenti dwar il-ħruġ ta' ċitazzjonijiet permezz tal-cctv cameras ta' Greenpak, mill-Lesa. Is-Sindku qal sabiex titwaqqaf il-burokrazija, il-KLM qed joffri li jiġi mgħoddi lilu l-aċċess kollu tal-*camera* sabiex eventwalment il-KLM jgħaddi hu stess il-footage li l-LESA għal min jinqabad jabbuża. Is-Sur Mario Schembri qal illi bħala Greenpak huma lesti li jagħmlu dan fil-jiem li ġejjin biex isseħħ din it-tranżizzjoni..

13.10.05 Omar Farrugia qal illi l-kumpanija Zahra Group offriet li tagħti donazzjoni lill-KLM għax ħassew illi kienu għenu diversi għaqdiet fil-lokal matul is-snin, iżda lill-KLM qatt. Is-Sindku qal illi dawn minkejja li għandhom il-*plant* fi Triq tas-Sejba li saħansitra għandhom persuna li tnaddaf Triq tas-Sejba fil-parti ta' quddiem il-bitħa tagħhom xorta jixtiequ jagħtu kontribut lir-raħal. Is-Sindku qal illi issemma' fi fuq Triq Gorg Martin l-*expropriations* se jieħdu fit-tul mill-Awtorita' tal-Artijiet u Infrastruttura Malta. Intant ir-residenti ta' din it-triq ma jistgħux joqgħodu f'dak l-istat. Il-kumpanija Zahra Group taw il-konkos huma għas-spejjeż tagħhom biex it-triq tkun ftit aktar diċenti. Il-KLM irringrazza lil Zahra Group. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

Intant fit-triq li tmiss magħha; Triq Mons Alfons Caruana propju quddiem ir-residenza numru 51, *Aquagem* hemm benniena u qed joqgħod l-ilma. Din ma tistax titqaxxar u tingħata t-tarmak/konkos bl-addoċċ, minħabba l-livell. Se jkun qed isir studju min-naħa ta' Zahra Group sabiex din tkun tista' tingħata wiċċ ukoll. Is-Sindku qal li ser isibu soluzzjoni għal din il-parti wkoll biex kull min joqgħod f'dik iz-zona ikun jista' jgħix f'ħajja isbaħ u aħjar.

13.10.06 Saret refereza għal-laqgħa li nżammet b'mod virtwali mal-Ministru tal-Edukazzjoni, Dr Owen Bonnici. Matul din il-laqgħa kien hemm diskussjoni dwar il-librerija minn Owen Sciberras. Issemmew id-diffikulta' biex isir dawk adekwat, xkaffar ġdid, il-ħadid ta' barra u saħansitra kien hemm is-suġġeriment ta' faċilita' ta' *parking* fl-iskola. Grace Marie Zerafa staqsiet lill-Ministru x'inhi l-possibilita' li s-sala tal-iskola li suppost din kellha tkun tal-komunita' tibda tingħata b'xejn lill-għaqdiet lokali anke meta jkun hemm qliegħ mit-*tickets* mal-entratura. F'dan il-punt Jonathan Dingli ssuġġerixxa illi kull attivita' tal-għaqdiet tkun 'bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill', madankollu Grace Marie Zerafa qalet illi ma taqbilx minħabba implikazzjonijiet ta' sigurta'.

Henry Zaffarese issuġġerixxa illi ġewwa l-iskola ikun hemm *toilets* baxxi biex it-tfal ta l-iskola ikunu akkomodati.

13.10.07 Grace Marie Zerafa talbet *up date* fuq il-parking bays ta' Triq il-Parroċċa peress illi kien deċiż illi l-uffiċċju jiċċekkja jekk dawn humiex approvati jew le. Dan għaliex ir-remissa mhux qed tintuża bħala garaxx.

13.10.08 Grace Marie Zerafa irreferiet għal-Rapport tas-*Social Inclusion* mitlub lir-Reġjun Nofsinhar mid-Dipartiment Gvern Lokali (Ms Dorianne Diacono) li jittratta l-ħidma fuq xahrejn żmien. Il-Viċi Sindku qalet illi rapporti bħal dawn ikun hemm bżonn li jkunu aktar fit-tul u mhux fuq xahrejn. Id-DSE qal li diġa' rrisponda lir-Reġjun u GMZ talbet kopja tal-e-mail li ntbagħtet. Id-DSE qal illi kull kunsillier bir-riforma l-ġdida tal-KLi issa hu mitlub li jagħmel rapport ta' ħidmietu kull sena.

13.10.09 Grace Marie Zerafa irreferiet għal rapport li tella' is-Sur Jonathan Dingli fuq *facebook* fejn kienu kkwotati l-minuti ta' dan il-Kunsill. Hawn intqal illi kull kunsillier irid ikun responsabbli għal dak li jkun ippowstja, filwaqt li Jonathan Dingli qal illi dak in-nhar is-sit tal-KLi ma kienx qed jaħdem tajjeb għax hu daħal f'post ħażin

13.10.10 Jonathan Dingli irrimarka fuq il-*bus stops* li qed ikunu maħmugin ħafna speċjalment dak ta' Triq tas-Sejba. Henry Zaffarese issuġġerixxa li dawn għandhom ikunu dizinfettati minħabba l-imxija tal-*Corona Virus*, filwaqt li s-Sindku qal illi l-llejla stess se jkunu qed jsiru dawn ix-xogħlijiet fl-Imqabba mill-Ministru għat-Turiżmu u d-Dipartiment għat-tindif.

13.10.11 Owen Sciberras tkellem fuq Sqaq Numru 1 fi Triq Valletta fejn kontinwament qed jidħlu t-trakkijiet u fl-entratura it-triq tidjieq tant li qed ikun hemm diffikulta' biex jimmanuvraw mingħajr ma jagħmlu l-ħsara lir-residenti. Din mhux soluzzjoni faċli għaliex trid issir espropriazzjoni fuq art tal-privat biex jitwessa' l-isqaq ħalli jkun tali li jakkomoda l-wisgħa tal-vetturi tqal illi kull ma jmur qed dejjem jespandi. Il-konsegwenza hija li dawn it-trakkijiet qed jifqgħu l-*inspection box* tal-ilma. Temporanjament il-KLM se jinstalla' *U-Shaped barrier* taħt il-bankina.

13.10.11 Owen Sciberras tkellem biex meta jkun konkluż il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja, il-venda ma tibqax fi Triq Karmenu Ciantar. Hawn issemmew it-tentattivi li saru fil-passat dwar ix-xarabank tal-isptar li kienet qed tistenna f'din it-triq u li ma kienx irnexxielna nġibuha żewġ fil-leġislatura preċedenti biex din tmur tistenna fi Triq il-Qrendi.

## 13.11 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 573

Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 573 u kien hemm kumment mil-Viċi Sindku dwar id-*direct order* numru 38 li introduċiet aktar tard matul il-jum Valerie Galea fuq skeda separata wara li kienet mibgħuta dik oriġinali mingħajrha mid-DSE. Din hi dwar xogħlijiet mis-Sur Maurizio Psaila li fuq struzzjonijiet tas-Sindku, naddaf l-ewwel biċċa ta' Sqaq is-Serer li kienet fi stat ħażin ħafna għal Eur820. Qabel isir il-ħlas il-KLM irid jara l-invoice u jiċċertifikaha l-Perit.

Il-KLM irid jara wkoll l-istimi tas-cctv cameras li ġab id-DSE mingħand il-kumpanija CB Security Malta wara li ħadu hu stess fuq struzzjonijiet tas-Sindku biex jagħtina stima fil-ġonna ta' Onġi Onġella u ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira.

### 13.12 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss

Il-laqgħa kienet aġġornata fit-8.30pm u l-KLM se jiltaqa' nhar il-5 ta' Mejju 2020 fl-istess ħin fuq l-istess pjattaforma.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 5.5.2020 minn

Deputat Segretarju Eżekuttiv

Omar Farrugia

Sindku